# Tixwixa fuq Bastiment Kursal bil-Bandiera ta' l-Ordni

*Ta'* Ġużè' Gatt

*(Jaqbad mal-faċċ. 115 ta' "Il-Malti", Diċembru, 1951)*

WARA li spiċċat it-tixwixa, u r-ribelli ħakmu l-bastiment taħt idejhom, in-Nokkier tal-bastiment saffar is-suffara, biex jingabar l-ekwipaġġ. Meta n-nies inġemgħu, Scaglia għarrafhom li b'Kaptan sar hu, u b'Tenent tiegħu għażel lil Gużman. Ġabru l-armi kollha li sabu, porvli u munizzjon ieħor tal-gwerra, u ġarrewhom għall-kamra tal-poppa, fejn qagħdu hemm miġbura lkoll. Imbagħad ħadu l-ħwejjeġ kollha tal-Kaptan, barra milli neżżgħu wkoll mill-ħwejjeġ lin-nies li ikkatnaw, ħadulhom flushom u qasmu kollox bejniethom.

Meta għadda dan kollu li semmejna, Scaglia beda jżiegħel bil-bqija ta' l-ekwipaġġ u jisqihom l-akkwavita. Imbagħad qabdu jerġgħu jbaħħru bil-bandiera ta' Malta, bħal qabel. Damu jivvjaġġaw hekk ħamest ijiem, bil-ħsieb li jmorru lejn Brazzo di Majna, u hemm joqogħdu jisirqu lil dawk il-bastimenti nsara li jiltaqgħu magħhom.

Kif waslu fuq Kandja, lemħu Pinku (bastiment żgħir) bil-bandiera Franċiża, tal-Kaptan Nerik Clermond, minn Marsilja. Kien imgħobbi bil-ħarir, għażel, xaqaq, xama' u ħwejjeġ oħra, li, kif ingħad, b'kollox kienu jiswew mal-200,000 skut.

Scaglia rama l-Feluka bin-nies tiegħu u mar għalih. Qabduh taħt idejhom, u n-nies li kellu fuqu ġarrewhom lura magħhom. Abbord ħallew biss żewġt itfal, wieħed xiħ u żewġ passiġġieri Lhud, li, kif ġie magħruf wara, kienu l-proprjetarji tal-merkanzija msemmija hawn fuq.

Meta battlu l-Pinku min-nies li għedna, għabbewh bl-armi u bil-munizzjon, u heijewh għall-gwerra. Niżżlu l-bandiera Franċiża li kellu u flokha tellgħu dik ta' l-Ordni. Imbagħad marru fuqu x--xewwiewa Griegi kollha, flimkien mal-Malti Decaro u 10 Torok, fosthom 4 nisa, li kienu nqabdu rsiera minn "La Vergine del Carmine" tal-maqtul Kaptan Ġannuni Luvero, waqt li telqu lil dan il-bastiment għal rieħu. Hadu wkoll il-Feluka, flimkien ma' sitta minn ta' l-ekwipaġġ tiegħu. Lil

dawn karkruhom ta' bilfors magħhom. Fosthom kien hemm wieħed Malti, jismu Pietru Azzopardi, minn Ħal Qormi.

Scaglia u sħabu qabdu jbaħħru lejn Brazzo di Majna, bil-fehma li, ma' tul it-triq, jisirqu lil kull min jiltaqgħu miegħu, u hemm ibigħu l-Pinku bit-tagħbija b'kollox, jaqsmu l-flus bejniethom u jagħtu l-ħelsien lit-Torok, kif hekk wegħduhom, biex ħajruhom jieħdu sehem fir-rewwixta magħhom.

Iżda dil-biċċa ma rnexxitilhomx. Għax f'nofs ta' triq iltaqgħu ma' għawġ li saramhom għal darba, billi ħarbtilhom kull ħsieb li għamlu f'rashom, bħalma sa nuru.

Fit-3 ta' Settembru, 1740, il-bastiment kursal "La Madonna del Lauro", taħt il-Kaptan Kristofanu di Giovanni, imlaqqam "Grillu", kien qed ibaħħar fl-ibħra tas-Saltna ta' Kandja, qrib Kap San Gwann, iħuf u jgħarrex għal xi priża.

Ma' sbieħ il-jum li semmejna, jilmaħ navi ġejja n-naħa tiegħu. Din kienet tiġbed warajha bastiment żgħir, imsejjaħ Feluka, li De Giovanni malajr għarafha li kienet tal-Kaptan Ġanninu Luvero.

Malli n-Navi qorbot lejh, telgħet bandiera bajda. U waqt li De Giovanni tella' dik ta' l-Ordni, għajtilhom biex jieqfu. Iżda huma baqgħu għaddejjin, bla ma weġbuh xejn. Biss, meta waslu qrib tiegħu, sparaw bl-azzarini għal fuqu.

Hawn, De Giovanni ħaseb li dawk huma Furbani, billi rvellaw għal-Kaptan Luvero u serquh. Għalhekk, dawwar malajr il-bastiment tiegħu għal fuqhom, u telaq jiġri għal warajhom.

L-oħrajn, malli raw dan bdew jitfgħu l-baħar balal tal-merkanzija, kaxex, ħbula, ankri, bagolli u xi ħwejjeġ oħra, biex iħaffu l-bastiment tagħhom, u hekk jistgħu jaħarbu aktar.

B'danakollu, kull ma għażlu, sarilhom suf. Għax De Giovanni, għal ħabta ta' nofs in-nhar, laħaqhom. Iżda meta għoddu wasal fuqhom, l-oħrajn niżlu malajr fuq il-Feluka li kienu qed jiġbdu warajhom, biex jaħarbu biha, waqt li niżżlu l-bandiera bajda u flokha tellgħu oħra sewda, magħmula minn żewġ imkatar suwed ta' Ċipru.

Għal dan, De Giovanni aktar żied fil-ħsieb tiegħu li dawk huma Furbani. Fuq hekk, biex iwaqqaf il-ħarba tagħhom, spara żewġ kanunati bil-balla u ħafna azzarinati.

Il-Furbani beżgħu, telgħu mill-ġdid fuq il-Pinku, qatgħu l-ħabel li bih kienet marbuta l-Feluka tagħhom, billi telquha

warajhom sejra mar-riħ, u reġgħu tawlha għat-tbaħħir, biex jaraw jeħilsux minnu.

De Giovanni niżżel xi nies minn tiegħu fuq il-Feluka li kellu, biex imorru jġibu l-oħra tal-Furbani.

Meta ż-żewġ Feluki ġew lura lejn il-bastiment ta' De Giovanni, kellhom żewġ balal tal-ħarir li refgħuhom mill-baħar u l-imsemmi Kaptan refa' oħra huwa wkoll bħal tagħhom. Dawn, bħalma għedna, tefgħuhom il-Furbani fil-ħarba li għamlu.

De Giovanni baqa' jiġri u jsus għal warajhom. U meta reġa' laħaqhom mill-ġdid, qallhom biex iniżżlu l-qlugħ. Iżda ma kellu l-ebda tweġiba mill-Furbani. Biss il-kap tagħhom, Scaglia, staqsieh min kien. De Giovanni wieġbu li huwa l-Kaptan "Grillu".

Wara li qallhom hekk, De Giovanni sama' xi diskors bejniethom, li ma setax jifhem x'inhuma jgħidu. Iżda, meta qorbu lejh, qalulu li kienu qed jibżgħu biex jikkumbattu miegħu sa l-aħħar, u xħin jaraw li ma jistgħux jiddefendu ruħhom aktar, iressqu l-bastiment tagħhom ma' tiegħu u jagħtu n-nar, sabiex b'hekk jinħarqu u jinqerdu t-tnejn flimkien.

De Giovanni, waqt li heżja l-bastiment għall-ġlied, beda jieħu bit-tajjeb lil Scaglia, u fl-aħħar ħajru u waqqgħu li jibgħat in-nies kollha li kellu miegħu abbord tal-bastiment tiegħu (ta' "Grillu").

Il-Furbani qagħdu għal dan, wara li dehrilhom li għarfuh sewwa min hu. U billi ħasbuh li kien Furban bħalhom, wieġbu li riedu jmorru bil-qalb kollha, bla ebda biża' ta' xejn.

Meta De Giovanni ra li qagħdu għal dak li ried hu, ukoll wara li heddidhom li jgħaddihom ilkoll minn taħt ix-xabla, għammar il-Feluka tiegħu b'4 min-nies, taħt it-Tenent li kellu, u bagħatha ġġibhom erba' jew sitta, kull darba, waqt li jgħidilhom li l-Kaptan iridhom abbord, mhux bil-ħsieb li jikkastigahom, imma biex iħallihom ħielsa.

Ix-xewwiexa emmnu kollox, u fuq il-Feluka marru tmienja mill-Furbani, fosthom il-kap tagħhom Scaglia. Meta telgħu abbord, wieħed minnhom, jismu Marku, Venezjan, għannaq lil De Giovanni, u qallu: F'ħajjiet Alla li ltqajna miegħek; lili ħaduni magħhom b'saħħa; u qatlu lill-Kaptan Ġanninu Ruvero u lill-Kaptan Pawlu.

*(Jissokta)*